

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi Se Tinbagħat Minn Dan Il-pajjiż Għal Pajjiż Ieħor Tal-UE](#) > [Italy](#)

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Italja



Italja

Liema awtorità tgħinni nibgħat talba f'pajjiż ieħor tal-UE?

Fl-Italja, l-awtorità ta' assistenza hija l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (*Procura della Repubblica*) fil-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni fil-post ta' residenza tar-rikorrent.

X'inhum r-rwol tal-awtorità ta' assistenza?

Fl-Italja, l-awtorità ta' assistenza hija l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni fil-post ta' residenza tar-rikorrent.

Bil-kapaċità tiegħu bħala awtorità ta' assistenza, l-uffiċċju għandu d-doveri li ġejjin:

- li jipprovdilir-rikorrent l-informazzjoni essenzjali kollha relatata mas-sistema ta' kumpens fis-seħħ fl-Istat Membru tal-UE li sar ir-reat fih;
- li jipprovdilir-rikorrent il-formoli meħtieġa biex jippreżenta t-talba tiegħu;
- jekk ir-rikorrent jitlob hekk, li jipprovdilu gwida ġenerali u informazzjoni dwar kif għandha timtela t-talba u x'dokumentazzjoni tista' tkun meħtieġa;
- li jirċievi talbiet għal kumpens u jressaqhom mingħajr dewmien, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, lill-awtorità ta' deċiżjoni fl-Istat Membru tal-UE fejn sar ir-reat;
- li jassisti lir-rikorrent biex jissodisfa kwalunkwe talba għal informazzjoni supplimentari li ssir mill-awtorità ta' deċiżjoni fl-Istat Membru tal-UE fejn sar ir-reat;
- jekk ir-rikorrent jitlob hekk, li jittirażmetti kwalunkwe informazzjoni supplimentari u dokumentazzjoni ulterjuri lill-awtorità ta' deċiżjoni.
- Jekk l-awtorità ta' deċiżjoni fl-Istat Membru tal-UE fejn sar ir-reat tiddeċiedi li tisma' lir-rikorrent jew lil xi persuna oħra, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-qorti rilevanti, bħala l-awtorità ta' assistenza, jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex jiżgura li l-awtorità ta' deċiżjoni tkun tista' tisma' lill-persuna kkonċernata direttament skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru.
- Jekk l-awtorità ta' deċiżjoni fl-Istat Membru l-ieħor tal-UE titlob hekk, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-qorti rilevanti, bħala l-awtorità ta' assistenza, jisma' lir-rikorrent jew lil xi persuna oħra hu stess u jibgħat rapport tas-seduta lill-awtorità ta' deċiżjoni.

Din l-awtorità tittraduċi d-dokumenti ta' sostenn, jekk it-talba li tinħareġ tkun teħtieġ traduzzjoni? Jekk iva, min iħallas għaliha?

Il-kompiti mwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-qorti rilevanti, bħala l-awtorità ta' assistenza, jistgħu jinkludu t-traduzzjoni tad-dokumenti, u r-rikorrent ma jkun meħtieġ jagħmel l-ebda fhas għaliha.

L-informazzjoni kollha tintbagħat mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-qorti rilevanti lill-awtorità ta' deċiżjoni fl-Istat Membru l-ieħor tal-UE jew bil-lingwa uffiċjali (jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali) ta' dak l-Istat Membru, li madankollu trid tkun waħda mil-lingwi tal-istituzzjonijiet tal-Komunità, jew inkella b'lingwa oħra tal-istituzzjonijiet

tal-Komunità li l-Istat Membru ddikjara li jista' jaċċetta.

Ir-rapporti tas-seduti li jsiru mill-awtorità ta' assistenza jintbagħtu bit-Taljan.

Hemm imposti amministrattivi jew imposti oħrajn li għandhom jitħallsu meta l-pretensjoni tintbagħat barra mill-pajjiż?

Le.

■ L-aħħar aġġornament: 04/10/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.